Nru. 18,188
Prezz/Price
€0.37 (Lm0.16)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 11 ta' Frar, 2008
Monday, 11th February, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Bis-saħħa tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi l-kandidat nominat skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 89 ta' l-iskeda msemmija hawn fuq, għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Lokalità ta' Rabat (M) huwa dan li ġej, jiġifieri:

Kandidat Nominat

Vassallo Carmel

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz tas-Sur Francis Fabri għal-Lokalità ta' Rabat, skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 91 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, nhar il-Ħamis, l-14 ta' Frar, 2008 f'nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

Il-11 ta' Frar, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

By virtue of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, the Electoral Commissioners hereby notify that the candidate nominated in accordance with the provisions of regulation 89 of the aforesaid schedule for the casual election of a Councillor for the Locality of Rabat (M) is the following that is:

Nominated Candidate

Vassallo Carmel

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Mr Francis Fabri for the Locality of Rabat, in accordance with the provisions of regulation 91 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993 on Thursday, 14th February, 2008 at noon at the Electoral Office, Evans Building, St. Elmo Square, Valletta.

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

11th February, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan jgħarrfu illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilhom permezz tar-Regolament 3 (1) tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali u b'riferenza għall- avviż li deher fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,186 tal-Ħamis, is-7 ta' Frar, 2008, iż-żmien speċifikat fir-Regolamenti 29 u 55(3) tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, għall-oġġezzjonijiet mill-partiti politiċi għan-nomini ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali u ta' persuni sabiex jgħoddu u jissorveljaw waqt l-għadd tal-voti rispettivament, u għall-pubblikazzjoni tal-listi fil-Gazzetta tal-Gvern, ser jiġi estiż skond l-estenzjoni ta' żmien indikata fl-avviż imsemmi aktar qabel.

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Valletta.

Il-11 ta' Frar, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 10

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Valletta

Nhar il-Ħamis, l-14 ta' Frar 2008 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Sant'Ursola, San Kristofru, il-Mediterran, San Nikola, l-Ibjar u Santa Luċija.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Frar 2008 mis-1.00 p.m. 'il quddiem minn Triq il-Mediterran.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Frar 2008 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Melita, San Pawl, San Duminku u l-Mediterran.

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

The Electoral Commissioners hereby notify that by virtue of the powers conferred to them by Regulation 3(1) of the Third Schedule of the Local Councils Act,1993, and with reference to the notice published in Government Gazette No. 18,186 of Thursday, 7th February, 2008, the dates specified in Regulations 29 and 55(3) of the Third Schedule of the Local Councils Act, 1993, for the objections by political parties to nominations of Assistant Electoral Commissioners and of persons to act as counters and supervisors during the counting of votes respectively, and for the publication of the lists in the Government Gazette, shall be extended according to the extension of time indicated in the aforementioned notice.

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

11th February, 2008

POLICE NOTICE

No. 10

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Valletta

On Thursday, 14th February 2008 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: San Pawl, Sant'Ursola, San Kristofru, il-Mediterran, San Nikola, l-Ibjar and Santa Luċija.

On Friday, 15th February 2008 from 1.00 p.m. onwards through Triq il-Mediterran.

On Friday, 15th February 2008 from 3.00 p.m. onwards through the following streets: Melita, San Pawl, San Duminku and il-Mediterran.

Nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Frar 2008 mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Triq San Pawl.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Frar 2008 mis-6.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Pawl, l-Arċisqof, it-Teatru l-Qadim, San Duminku u Melita.

Nhar is-Sibt, is-16 ta' Frar 2008 mill-10.00 a.m. 'il quddiem minn Triq San Pawl.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Frar, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru 9 ta' l-2008

Ħruq ta' Murtali minn fuq l-Art max-Xatt taħt iċ-Centru tal-Mediterran għall-Konferenzi fil-Port il-Kbir

Għall-Festa Titulari ta' San Pawl, se jinħarqu murtali minn fuq l-art max-xatt taħt iċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi fil-Port il-Kbir fil-pożizzjoni approssimattiva:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35^{0}54'.018	14^{0}31'.157

Id-dati u l-ħinijiet meta jinħarqu l-murtali huma kif ġej:

1. L-Erbgħa t-13 ta' Frar 2008, fit-8.00 a.m. u nofsinhar
2. Il-Ħamis l-14 ta' Frar 2008, fit-8.00 a.m. u nofsinhar
3. Il-Ħamis l-14 ta' Frar 2008, fit-8.00 p.m. u l-10.00 p.m.
4. Il-Ġimgħa l-15 ta' Frar 2008, fit-8.00 a.m. u nofsinhar
5. Il-Ġimgħa l-15 ta' Frar 2008, fl-10.00 p.m. u l-11.30 p.m.

Il-baħħara għandhom jagħtu każ dan u jitolbu permess mill-Valletta Port Control meta jbaħħru biex jidħlu jew joħorġu mill-Port il-Kbir.

Għandhom jobdu l-ordnijiet li jingħataw mill-Valletta Port Control.

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 Datum.

Chart affettwata BA *Chart* 177.

Il-11 ta' Frar, 2008

On Friday, 15th February 2008 from 5.00 p.m. onwards through Triq San Pawl.

On Saturday, 16th February 2008 from 6.00 a.m. onwards through the following streets: San Pawl, l-Arċisqof, it-Teatru l-Qadim, San Duminku and Melita.

On Saturday, 16th February 2008 from 10.00 a.m. onwards through Triq San Pawl.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

11th February, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 9 of 2008

Fireworks Displays from the Foreshore there below the Mediterranean Conference Centre in the Grand Harbour

In connection with the Titular Feast of St Paul, fireworks displays will be let off from the foreshore below the Mediterranean Conference Centre in the Grand Harbur approximately from position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35^{0}54'.018	14^{0}31'.157

The dates and times of the fireworks are as follows:

1. Wednesday 13th February 2008, at 8.00 a.m. and noon
2. Thursday 14th February 2008, at 8.00 a.m. and noon
3. Thursday 14th February 2008, at 8.00 p.m. and 10.00 p.m.
4. Friday 15th February 2008, at 8.00 a.m. and noon.
5. Friday 15th February 2008, at 10.00 p.m. and 11.30 p.m.

Mariners are to note the above and request clearance from Valletta Port Control when navigating in or out of Grand Harbour.

They are to obey instructions given out by Valletta Port Control.

Positions referred to WGS 84 Datum.

Chart affected BA Chart 177.

11th February, 2008

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Il-Borża ta' Studju Harold Scorey fix-Xandir

Din il-Borża ta' Studju twaqqfet bħala tifkira tal-ġurnalista Harold Scorey li għal bosta snin kien Kap tat-Taqsima ta' l-Aħbarijiet tar-*Rediffusion* u tal-*Malta Television*. Hija miftuħa għall-ġurnalisti kollha li jaħdmu jew li jixtiequ jaħdmu fix-xandir, kif ukoll għal dawk li huma involuti direttament f'dan il-qasam.

Il-Borża ta' Studju trid tiġi utilizzata matul l-2008/2009 għal studju jew taħriġ marbut max-xandir f'xi Università jew Istituzzjoni rikonoxxuta barra minn Malta li t/jagħżel ir-rebbieħ/a stess. *Panel* maħtur apposta jeżamina l-applikazzjonijiet kollha u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.

Il-formoli ta l-applikazzjoni jinkisbu mingħand is-Sur Ray Micallef fid-Direttorat għall-Operat u Implimentazzjoni ta' Programmi, Uffiċċju tal-Prim Ministru, filwaqt li għal aktar tagħrif tistgħu ċċemplu fuq Tel. Nru. 22001852, *Fax* Nru. 22001851, jew *Email* – raymond.micallef@gov.mt

Il-formoli ta' l-applikazzjoni għandhom jintbagħtu f'*envelopes* issiġillati u indirizzati hekk:

Borża ta' Studju Harold Scorey
Direttorat għall-Operat u Implimentazzjoni ta' Programmi,
Uffiċċju tal-Prim Ministru,
13, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

u għandhom jaslu fl-imsemmi Uffiċċju mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' April 2008.

Il-11 ta' Frar, 2008

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

The Harold Scorey Scholarship in Broadcast Journalism

The Harold Scorey Scholarship in Broadcast Journalism was established in memory of the late Harold Scorey who for a number of years headed the Rediffusion and Malta Television News Department. It is open to all journalists who work or are aspiring to work in broadcasting as well as all those individuals directly connected with broadcasting.

The successful candidate must make use of the scholarship during 2008/2009 for studies related to broadcasting at a recognised foreign university or institution of his/her choice. All applications will be examined by an interviewing panel, specifically nominated to conduct the selection process. The decision of the panel will be final.

For application forms and further information please contact Mr Ray Micallef at the Operations and Programme Implementation Directorate, Office of the Prime Minister on Telephone No. 22001852, Fax No. 22001851, or on Email at raymond.micallef@gov.mt

Applications in sealed envelopes should be addressed as follows:

Harold Scorey Scholarship
Operations and Programme Implementation Directorate,
Office of the Prime Minister,
13, Triq San Pawl,
Valletta VLT 1210

and are to reach this Office by not later than Friday, 11th April 2008.

11th February, 2008

MINISTRU TAL-FINANZI

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Postijiet ta' *Manager* (*Economic and Financial Intelligence*) fid-Direttorat tal-*Financial Policy and Management* - Ministeru tal-Finanzi

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi, jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati għall-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tal-Ministeru tal-Finanzi, 30, Triq Nofsinhar, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-11 ta' Frar, 2008

MINISTRY OF FINANCE

Results of Interviews for the Engagements on Contract in the Posts of Manager (Economic and Financial Intelligence) in the Financial Policy and Management Directorate - Ministry of Finance

The Permanent Secretary, Ministry of Finance, notifies that the results of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board at the Ministry of Finance, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

11th February, 2008

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża bħala Lingwa Barranija (EFL)

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża bħala Lingwa Barranija jgħarrfu lill-kandidati interessati li joqogħdu għall-Eżami fil-Lingwa Ingliża (li se jkun aċċettat bħala suġġett alternattiv għall-Ingliż fil-livell Avvanzat, bil-għan li jinħareġ Permess għat-Tagħlim tal- EFL), li l-applikazzjonijiet se jintlaqgħu mit-Tnejn 18 ta' Frar 2008 sal-Ġimgħa 29 ta' Frar 2008, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar, u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m. f'dawn l-uffiċċji:

Kandidati f'Malta:- Dipartiment ta' l-Eżamijiet
il-Furjana – Malta

Kandidati f'Għawdex:- Ċentru ta' l- Eżamijiet,
ir-Rabat – Għawdex

2) L-eżami se jkun jikkonsisti fl-Ewwel Parti – Karta bil-Miktub fl-Ingliż, u t-Tieni Parti – Oral bl-Ingliż.

3) L-Ewwel Parti – Karta bil-Miktub fl-Ingliż se ssir nhar is-Sibt, 29 ta' Marzu 2008.

4) It-Tieni Parti se tkun miftuħa biss għal dawk il-kandidati li jikkwalifikaw fl-Ewwel Parti ta' l-eżami.

5) It-Tieni Parti ssir f'jum partikulari f'Mejju 2008.

6) Kemm l-Ewwel Parti kif ukoll it-Tieni Parti jiġu meqjusa ndaqs. Sabiex il-kandidati jgħaddu, huma mistennija li jġibu grad A, B jew Ċ għal kull parti tal-eżami.

7) L-Ewwel Parti – Karta bil-Miktub fl-Ingliż se tkun amministrata mid-Direttur ta' l-Eżamijiet, filwaqt li l-Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża se jkun responsabbli mit-Tieni Parti – Oral bl-Ingliż u mill-pubblikazzjoni tar-riżultat finali.

8) Il-Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim ta' l-Ingliż se jkollu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kanditat li, waqt li jkun qed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ksur ieħor ta' l-istruzzjonijiet maħruġa biex jiggwidaw il-kandidati. Il-Bord ta' Sorveljanza tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża jżomm id-dritt li jħassar parti, jew l-eżami kollu jekk tinstab x'irregolarità dwar dan l-eżami.

9) Ma' kull applikazzjoni, il-kandidati għandhom iħallsu dritt ta' €46.50 (Lm19.96).

EXAMINATIONS DEPARTMENT

English as a Foreign Language (EFL) Monitoring Board

The Director of Examinations and the EFL Monitoring Board notify candidates, who are interested to sit for an English Language Examination (which will be accepted as an alternative to Advanced Level in English, for the purpose of issuing EFL Teaching Permits), that application forms will be received from Monday 18th February 2008 to Friday 29th February 2008, between 8.00 a.m. and noon, and from 1.30 p.m. until 4.00 p.m. at the following offices:

Malta Canditates:- Examination Department
Floriana – Malta

Gozo Canditates:- Examination Centre
Victoria – Gozo

2) The examination shall consist of Part I – Written Session in English, and Part II – Oral Session in English.

3) Part I – Written Session in English will be held on Saturday, 29th March 2008.

4) Part II shall only be open to those candidates who qualify in Part I of the Examination

5) Part II will be held on a particular day in May 2008.

6) Both Part I and Part II will be equally weighted. In order to pass, candidates are expected to obtain grade A, B or C in each part of the examination.

7) Part I – Written Session in English shall be administered by the Director of Examinations, while the EFL Monitoring Board shall be responsible for Part II – Oral Session in English and the publication of the final result.

8) The Director of Examinations and the EFL Monitoring Board shall have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or any other breach of the instructions issued for the guidance of candidates. The EFL Monitoring Board reserves the right to annul any part or the whole examination if any irregularity is detected in connection therein.

9) Together with each application, candidates must pay a fee of €46.50 (Lm19.96)

10) Formoli ta' l-applikazzjoni u kopji tas-sillabu jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, Malta jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex. Dawn jistgħu jinkisbu wkoll minn fuq il-*website* tad-Dipartiment fuq www.exams.gov.mt

Il-11 ta' Frar, 2008

10) Application forms and copies of the syllabus may be obtained from the Examinations Department, Great Siege Road, Floriana, Malta or the Examination Centre, Fortunato Mizzi Street, Victoria – Gozo. These may also be downloaded from the website of the Examination Department at www.exams.gov.mt

11th February, 2008

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti mogħtija mit-Taqsima tas-Servizzi Farmaċewtiċi tal-Gvern matul Jannar 2008.

Natura ta' l-oġġett *Nature of item*	Kuntrattur *Contractor*
Phenytoin oral suspension	V. J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Syringes disposable	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
Phenytoin sodium 50mg capsules	V. J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Trolab European standard battery of patch tests	Technoline Ltd. - Gżira
65 disposable 12mm stapler w/4mm staples	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Aggressive blade for hummer	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Cannula I.V. size 17	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Home bilevel machines with attach. detach humidifier	Technoline Ltd. - Gżira
Home high pressure CPAP machines with attach/detach humidifier	Technoline Ltd. - Gżira
Cefuroxime 250mg injections	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Sterile suction connecting tube	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
Vinblastine sulphate 10mg injections	Drugsales Ltd. - Lija
DHS plates 135 degrees	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Magnetic mats	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Suction coude catheters, size 12fg, 14fg, 16fg	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Ceftriaxone 1G IV injections	George Borg Barthet Ltd. - Luqa
CSF catheter connectors Y	Technoline Ltd. - Gżira
PCO2 membranes for IL 1302/6 gas analyser	Technoline Ltd. - Gżira
Hall craniotome accessories	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Cables to fit baxter disposable transducer to marquette monitors	Drugsales Ltd. - Lija
Tacrolimus 5mg capsules	E. J. Busuttil Ltd. - Birkirkara
Implant knives 4.1mm	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
Dynamic condylar plate 95 degrees	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Infant and neonate flex probe for biochem monitor	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Blood lancets	Reactilab - St. Julians
Neuro blades for 3m craniotome	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann

Il-11 ta' Frar, 2008

HEALTH DIVISION

List of tenders awarded by the Government Pharmaceutical Services Section during January 2008.

11th February, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

234

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Novembru 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4755/07, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Charles Sciberras, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Charles Sciberras (ID348668M) ta' 140, Sciberras Antiques, Fleur de Lys, Birkirkara BKR 08, fis-17 ta' Awissu 2007, HSBC Bank Malta plc (C3177) ta' 116, Archbishop Street, Valletta, jagħmel riferenza għad-debitu tiegħek mal-Bank mittenti konsistenti fis-somma ta' €5,773.33 (Lm2,478.49) bl-ispejjeż amministrattivi u bl-imgħaxijiet fis-sena mis-16 ta' Awissu 2007, sad-data tal-pagament effettiv, u dana in rifużjoni ta' flus lilek avvanti fuq faċilita ta' VISA GOLD CARD bin-numru 4035 7100 0043 5334.

Sabiex jiġu evitati spejjeż inutili tal-Qorti, jekk il-ħlas tad-dejn fiż-żmien hawn fuq indikat ma huwiex possibbli u teħtieġ żmien itwal għall-ħlas b'rati mensili, inti tista' tammetti d-dejn tiegħek mal-Bank permezz ta' att notarili. F'dan il-każ inti mitlub illi fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din l-ittra tavża lill-Bank u tqabbad Nutar.

Din l-ittra sservi biex tinterrompi l-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 Tal-Liġijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas jittieħdu passi bil-Qorti kontra tiegħek mingħajr ebda pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Frar 2008

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 13th November 2007, in the records of the judicial letter number 4755/07, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. vs Charles Sciberras, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Charles Sciberras (ID 348668M) of 140, Sciberras Antiques, Fleur de Lys, Birkirkara BKR 08, on the 17th August 2007, HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177) of 116, Archbishop Street, Valletta, makes a reference to your debt with the interpellant Bank consisting of €5,773.33 (Lm2,478.49) with administrative costs and with interest per year from the 16th August 2007 till the date of the effective payment, and this by way of refund to monies advanced to you by the VISA GOLD CARD facility with number 4035 7100 0043 5334.

In order to avoid useless Court expenses, if the debt payment is made in the time given above is not possible and you need further time to pay by monthly installments, you can admit your debt with the Bank by means of a Notorial Act. In this case you are asked that within fifteen days from the date of this letter inform the Bank and appoint a Notary.

This judicial letter shall serve to interupt prescription, and is thus required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta).

Failing which Court action will be taken against you without further notice.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With Costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

235

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fil-14 ta' Mejju 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 8770/05, fl-ismijiet Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali vs Mark Avellino, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Mark Avellino ta' Ent 71, Flat 6, Triq il-Kunċizzjoni, Government Building, Msida, fl-14 ta' Ottubru 2005, id-Direttur għall-Akkomodazzjoni Soċjali ta' Blokk Ċ, Beltissebħ, Floriana, jinterpellak sabiex fi żmien ġimgħa tħallas is-somma ta' €558.14 (Lm239.61) dovuta minnek bħala ħlas tal-kera sal-31 ta' Awissu 2005.

Fin-nuqqas ta' ħlas jew oppożizzjoni da parti tiegħek skond l-imsemmi artikolu 466, l-esponent jgħaddi għall-ħruġ ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skond il-liġi.

Ħallas ukoll l-ispejjeż ta' dan l-att.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Frar 2008

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 14th May 2007, in the records of the judicial letter number 8770/05, in the names Director of Social Housing vs Mark Avellino, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Mark Avellino of Ent 71, Flat 6, Triq il-Kunċizzjoni, Government Building, Msida, on the 14th October 2005, the Director of Social Housing of Block C, Beltissebħ, Floriana, call upon you so that within one week you pay the sum of €558.14 (Lm239.61) rent due till, the 31st August 2005.

If you fail to pay or make any opposition on your part according to the said Article 466, the interpellant shall pass to issue executive warrants against you according to law.

Pay also the costs of this act.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th February 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

236

Ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) fil-15 ta' Jannar 2008, minn Carmela Maria sive Lina Mizzi (ID 68241M) u ta' Maria Melita Borg (ID 749420M), liema rikors iġib in-numru 34/2008, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħhom fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż kull waħda s-SUĊĊESSJONI ta' Concetta Borg, xebba, bint il-mejjet Spiro u l-istess Maria Melita Borg neé Lynch, imwielda l-Ħamrun, kienet toqgħod Santa Venera u mietet Pietà fl-10 ta' April, 2007 ta' 59 sena u kellha karta ta' l-identità numru 0748447M u li mietet bla testment u għalhekk ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex ikun mgħarraf minn kull min ikollu x'jaqsam fih.

Kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex b'nota jagħmel l-oppożizzjoni tiegħu a tenur ta' l-Artikolu 537(1) et seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja), illum 8 ta' Frar, 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that by means of application filed in the Civil Court (Voluntary Jurisdiction) on the 15th January 2008, by Carmela Maria sive Lina Mizzi (ID 68241M) and Maria Melita Borg (ID 749420M), application number 34/2008, whereby they asked that it be declared open in their favour as half (1/2) undivided share each the SUCCESSION of Concetta Borg, spinster, daughter of the deceased Spiro and the said Maria Melita Borg neé Lynch, born in Ħamrun, who resided in Santa Venera and died in Pietà on the 10th April 2007, at the age of 59 years and who held identity card 0748447M and who died intestate and therefore the issuing of the bann was ordered so that any interested party be notified.

Thus whosoever considers that he has an interest is called so that by means of a note he enters his opposition according to Article 537(1) et seq. of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Registry of the Civil Courts (Voluntary Jurisdiction Section), today 8th February, 2008.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*